# Lectio Divina

# L-Ewwel Ħadd tal-Avvent (C)

## Lq 21,25-28.34-36

**« IL-FIDWA TAGĦKOM HI FIL-QRIB »**

**« U jkun hemm sinjali fix-xemx u l-qamar u l-kwiekeb. Il-ġnus fuq l-art, b'qalbhom ittaqtaq, ma jafux x'jaqbdu jagħmlu minħabba l-ħsejjes tal-baħar u ta' l-imwieġ »** (v.25)
Ix-xemx, il-qamar, il-kwiekeb u l-baħar huma msemmija fil-ktieb tal-ħolqien.
Il-Ġenesi jibda bil-kelmiet: *"u kienet l-art taħwid u baħħ; u d-dlam kien fuq wiċċ l-abbissi"* (Ġen 1,2). Imbagħad meta Alla jidħol fl-istorja permezz tal-kelma, jinħalqu x-xemx u l-qamar biex *"ikunu sinjal għat-tqassim taż-żmenijiet, tal-jiem u tas-snin"* (Ġen 1,14). L-istess baħar li kien jgħarraq l-art, Alla *"għalaq il-baħar f'bibien..."* (Ġob 38,8-11). Mill-*caos* għall-*cosmo*. U fid-dinja setgħu jgħammru bnedmin, annimali u pjanti.
Il-qawwiet li qabel kienu joħolqu l-ordni jitqallbu.
Ġesù qed iħabbar moviment oppost: ritorn għall-*coas* primordjali. ***"il-ħsejjes tal-baħar u ta' l-imwieġ »*** : *« U rajt tielgħa mill-baħar Bhima, li kellha għaxart iqrun u sebat irjus »* (Apok 13,1-10).

**« in-nies ruħhom ħierġa bil-biża' billi jobsru x'ikun ġej fuq id-dinja, għax il-qawwiet tas-smewwiet jitqallbu »** (v.26)
***« ruħhom ħierġa bil-biża' »*** Imutu bil-biża' għax ma jafux it-tifsir ta' dak kollu li qed iseħħ u l-qawwa tal-Kelma li qed titħabbar.
Dan kollu huwa ritratt tall-għarfien tal-limiti, tad-dgħufijiet u l-esperjenzi kontinwi ta' fallimenti u dnub. It-taħwid estern huma rivelazzjoni tat-taħwid interjuri li hu iżjed gravi.

**« Mbagħad** *(u allura)* **jaraw lil Bin il-bniedem ġej fi sħaba, b'qawwa u glorja kbira. »** (v.27)
Flok il-kontinwazzjoni tad-diżastru hemm tama ta' ħelsien. Dak li għandu l-qawwa isikket *« l-għajat tal-ibħra, u l-ħsejjes tal-imwieġ tagħhom, u t-tixwix tal-popli » (Salm 65,8),* mill-*caos*

tal-preżent għandu l-kapaċita' li jerġa' joħloq mill-ġdid *« dinja ġdida ».* Il-post tad-diżordni u dnub jinbidel fi spazju ta' fejn wieħed jistenna l-miġja kollha *« qawwa u glorja kbira »* ta' Kristu.

***« Mbagħad jaraw lil Bin il-bniedem »*** : Mhuwiex verb fil-futur ħalli b'hekk juri li din il-bidla/miġja tista' sseħħ fil-preżent: *« Imma minn issa 'l quddiem Bin il-bniedem ikun bilqiegħda n-naħa tal-lemin t'Alla li jista' kollox »* (Lq 22,69). *« Arawh, ġej fis-sħab, u l-għajnejn kollha jarawh, ukoll dawk li kienu nifduh ; u r-razzez kollha tal-art jibdew iħabbtu fuq sidirhom minħabba fih. Iva. Ammen. »* (Apok 1,7). Il-ġerħa/id-dnub jinbidlu f'post ta' laqgħa ta' ħelsien : *« Huma għad iħarsu lejn min mifdu »* (Ġw 19,37).

***« ġej fi sħaba »* :** Is-sħaba hija l-post marbut mad-Divin : *« Wittu t-triq lil dak li iġej riekeb fuq is-sħab »* (Salm 68,5). Kienet is-sħaba li ħbiet id-dehra ta' Kristu Trasfigurat u mill-istess sħaba nstema l-leħen tal-Missier (ara Lq 9,34-35) ; *« Il-glorja tal-Mulej strieħet fuq il-muntanja tas-Sinaj, u s-sħaba ksietha għal sitt ijiem, u fis-seba' jum il-Mulej sejjaħ lil Mose' minn ġo nofs is-sħaba »* (Eż 21,16).

**« Meta jibda jseħħ dan kollu, qawwu qalbkom u erfgħu raskom, għax il-fidwa tagħkom hi fil-qrib. »** (v.28)

***« Meta jibda jseħħ dan kollu » :*** Kull tip ta' « diżastru» interjuri.

***« qawwu qalbkom »*** : Hija stedina biex id-dixxiplu joħroġ mill-biżat kollha tiegħu u jħalli l-kelma t'Alla taħdem hi, bħalma ġara fil-ħolqien.

***« erfgħu raskom »*** : tfisser ukoll «erfgħu għajnejkom» biex taraw dak li għal oħrajn huwa invisibbli. Hija stedina għall-bniedem mgħawweġ fil-biżat tiegħu bħal dik il-mara *"milwija ħafna"* li Ġesù fejjaq f'waħda mis-sinagogi (ara Lq 13, 10-13). Is-salvazzjoni titlaq minn sitwazzjoni ta' taħwid fl-istorja, is-Saltna toħroġ mill-fdalijiet *"fuq l-art"* (v.25) u l-wiegħda tal-Mulej tibqa' soda quddiem kull qerda. Ma jeżisti l-ebda *caos* li minnu Alla ma jistax joħloq dinja ġdida u sabiħa: *«Għajnejja dejjem fil-Mulej, għax hu mix-xbiek jaqlagħli riġlejja »* (Salm 25,15) ; Stiefnu waqt il-mewt bit-tħaġġir *« b'għajnejh lejn is-sema, ra l-glorja t'Alla »* (Atti 7,55).

***« il-fidwa tagħkom hi fil-qrib »*** : Hija l-fidwa li tħabbret minn Żakkarija *« għaliex ġie jzur u jifdi l-poplu tiegħu »* (Lq 1,68); u minn Anna li *« bdiet trodd ħajr lil Alla u titkellem fuq it-tarbija ma' dawk kollha li kienu jistennew il-fidwa ta' Ġerusalemm »* (Lq 2,38).

**« Oqogħdu attenti, u qisu li l-ikel u x-xorb żejjed u s-sokor ma jmewwtulkomx qalbkom, u tħallux li l-ħafna tħassib għall-ħtiġiet tal-ħajja jeħdilkom raskom, li ma ssibuhx dak il-Jum fuqkom għal għarrieda. Għax hu Jum li għad jaqa' bħal nassa fuq kull min jgħammar fuq wiċċ l-art kollha.»** (v.34-35)

Wara li jħabbar *«il-misteru moħbi sa mill-ħolqien tad-dinja li ġie rivelat lilna li nemmnu » (*1Kor:2:7) Luqa jikkonkludi d-diskors ta' Ġesù b'eżortazzjoni. Huwa faċli li l-qalb titwebbes bħal dik tal-Fargħun (ara Es 8,11.28; 9,7.34).

***« l-ikel u x-xorb żejjed u s-sokor ma jmewwtulkomx qalbkom »*** : Huwa meta wieħed jisker fix-xogħol, fil-ħidmiet li jkun iwettaq, fil-poter. Dan narawh fir-raġel għani imma iblah li qed iħabbel moħħu kif jistrieħ, jiekol, jiekol, jixrob, igawdi (ara 12, 19) u fil-qaddej li jgħid li s-sid jittardja u *« jiekol u jagħtiha għax-xorb u s-sokor »* (12, 45).

Quddiem il-ħażen u l-fallimenti hemm il-periklu li l-bniedem jaħrab fit-telqa, fl-aljenazzjoni bħala « nassa ».

***« il-ħafna tħassib għall-ħtiġiet tal-ħajja jeħdilkom raskom »* :** *« Marta kienet moħħha fuq il-ħafna xogħol…'Int taħseb wisq u tinkwieta fuq ħafna ħwejjeġ' »* (Lq 10,40-41) *;« Dawk li jaqgħu qalb ix-xewk huma dawk li jisimgħu, iżjed aktar 'il quddiem l-inkwiet żejjed u l-għana u l-pjaċiri tal-ħajja joħnoqhom u l-frott tagħhom ma jsirx » (*Lq 8,14).

**« Ishru, mela, u itolbu l-ħin kollu, biex tkunu tifilħu tgħaddu minn kull ma għandu jiġri u tieqfu quddiem Bin il-bniedem. »** (v.36)

***« Ishru »*** : Kelma fl-imperattiv preżent u turi azzjoni li diġa' bdiet. Is-sahra hija kontra l-abitudni u l-anestesija fejn l-intelliġenza u s-sensi jitmewtu u jsibu rifuġji għalihom: *« Gwaj għal dawk li jbakkru filgħodu, u jiġru bħal wara s-sokor ; u jiddawru billejl sa ma jishnu bl-inbid… u xejn ma jaħsbu f'għemil il-Mulej »* (Is 5,11-12) - *« Mela ishru, għax ma tafux meta jiġi Sid id-dar, jekk hux filgħaxija, jew f'nofs il-lejl, jew x'ħin jidden is-serduk, jew inkella mas-sebħ »* (Mk 13,35).

***« u itolbu l-ħin kollu, »*** : *« Qrib hu t-tmiem ta' kollox ; għalhekk kunu għaqlin u meqjusin biex tagħtu ruħkom għat-talb »* (1 Pt 4,7). It-talb kontinwu jżomm 'il-bniedem imqajjem, lest li jifhem u jilqa' fih dak li Kristu jrid joffrilu.

***« tkunu tifilħu »*** : Hekk li wieħed jissaħħaħ *« bil-qawwa tiegħu* (ta' Alla) *»* (Ef 6,10) u jkun jista' joħroġ rebbieħ.

***« tieqfu quddiem Bin il-bniedem »***. F'sens litterali tfisser « toqgħod bilwieqfa » quddiem Dak li kapaċi jċaqlaq il-ħolqien : *« Mbagħad il-ġust jieqaf kollu kuraġġ, quddiem dawk li għakksuh »* (Għerf 5,1).

**Għar-Riflessjoni**

1. Mal-ewwel *alarm* tal-limiti tiegħi rrid nibda nagħraf li fil-fond tal-qalbi jiena miftuħ għal Alla. Nibda nagħraf fija x-xewqa għaliH, għall-ħniena tiegħu  u fl-istess ħin il-bżonn li nikber fit-tama.
2. X'inhuma l-biżat tiegħi? Kif nista' inbiddilhom fi stennija tal-Mulej li ġej biex jibdilni fiH?
3. Fiex jikkonsisti s-*sokor* tiegħi (Huwa dak kollu li jirrigwardja l-Jien: kurżitajiet żejda, kliem vojt, ħin mitluf, *messages* bla użu veru, ħin żejjed fuq *facebook*... ) li minnu rrid noqgħod attent? X'inhuma wkoll il-postijiet tar-rifuġji tiegħi (x'tip ta' ħsebijiet itaqqlu lil moħħi u lil qalbi)?
4. Kif nista' npoġġi fil-prattika l-impenn għal talb aħjar u ta' kwalita' fid-dawl tas-seminar fuq it-*time management* u wkoll l-impenn tiegħi fir-rigward tal-*log-book*?
5. F'dawk is-sitwazzjonijiet li mhiniex kapaċi ngħid le, ifisser li mhiniex liberu, imma skjav. X'qed tgħidli llum il-Kelma?
6. Kull sitwazzjoni li mhix qed tqarribni lejn l-identita' tas-sejħa tiegħi nipprova inbiddilha f'xewqa u f'repetizzjoni kontwinwa: "Ejja Mulej Ġesù".